



**KUNSILL EWROPEW
IL-PRESIDENT**



Brussell, 30 ta' Jannar 2012
(OR. en)
EUCO 16/12
PRESSE 30
PR PCE 13

**Dikjarazzjoni għall-istampa
dwar kwistjonijiet ta' politika barranija**

Kif ġie espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Jannar 2012 jiena ntenni t-tħassib serju u profund tal-Membri tal-Kunsill Ewropew dwar il-programm nukleari **Iranjan** u l-approvazzjoni tagħhom tal-pakkett sostanzjali ta' miżuri restrittivi adottat kontra l-Iran fost l-oħrajn fis-settur tal-enerġija, il-kummerċ u dak finanzjarju. Dawn il-miżuri mhumix diretti kontra l-poplu Iranjan. Jiena nappella lill-mexxejja tal-Iran biex jissospendu immedjatament l-attivitàjiet nukleari sensitivi tagħhom u biex jissodisfaw kompletament l-obbligi internazzjonali tagħhom, kif indikat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Jannar. Il-bieb huwa miftuħ għall-Iran biex jimpenja ruħu f'negozjati serji u sinifikanti, u nikkonferma l-impenn tal-UE biex tkompli taħdem għal soluzzjoni diplomatika, f'konformità mal-approċċ fuq żewġ binarji.

Jiena nilqa' t-tibdil importanti li qed iseħħ f'**Burma/il-Mijanmar** u nħeġġeġ lill-Gvern tiegħu biex iżomm id-determinazzjoni tiegħu li jkompli fuq it-triq tar-riforma. Dawn il-bidliet qed jifflu prospetti importanti ġodda għall-iżvilupp tar-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u Burma/il-Mijanmar. Jiena nistenna b'interess progress ulterjuri fil-ġimgħat li għejjin, b'mod partikolari l-ħelsien ta' aktar prigionieri politiċi, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-waqfien tal-konflitti etniċi. Kif indikat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Jannar, aħna ser inkomplu nnaqqsu l-miżuri restrittivi tal-UE jekk jintlaħqu l-aspettattivi tagħna. Il-membri tal-Kunsill Ewropew itennu li l-UE tinsab lesta li tassisti lil Burma/il-Mijanmar biex javvanza r-riformi.

L - I S T A M P A

Dirk De Backer - Kelliem tal-President - (+32 (0)2 281 9768 - +32 (0)497 59 99 19
Jesús Carmona - Viċi Kelliem tal-President - (+32 (0)2 281 9548 / 5150 - +32 (0)475 65 32 15
press.president@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/>

EUCO 16/12

Fl-aħħar nett, nixtieq nesprimi t-tħassib serju tiegħi dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja u r-rabja tiegħi għall-vjolenza u r-repressjoni kontinwa kontra l-poplu Sirjan. Il-membri tal-Kunsill Ewropew japprovaw bis-sħiħ il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fit-23 ta' Jannar 2012 u jtennu l-appell tal-Unjoni għat-tmiem immedjat tal-vjolenza. Jiena nieħu nota tad-deċizzjoni tal-Lega Għarbija li tissospendi l-missjoni ta' osservazzjoni tagħha fis-Sirja bi tveġiba għall-vjolenza aggravanti min-naħa tal-awtoritajiet Sirjani. L-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Lega tal-Istati Għarab li għandhom l-għan li jtemmu l-vjolenza fis-Sirja u tilqa' d-deċizzjoni tal-Lega tal-Istati Għarab biex tiżdied il-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti. Tinħtieġ urġentement reazzjoni rapida mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Jiena nħeġġeġ lill-membri kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u jadottaw passi li ilhom meħtieġa sabiex tintemm ir-repressjoni fis-Sirja.
